KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI SZPUNAR
ippreżentati fl-1 ta' Lulju 2021 [1]

Kawża C-118/20

JY
fil-preżenza ta':
Wiener Landesregierung

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 20 u 21 TFUE – Kamp ta' applikazzjoni – Rinunzja għan-nazzjonalità ta' Stat Membru sabiex tikseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor konformement mal-assigurazzjoni ta' dan tal-aħħar li jinnaturalizza lill-persuna kkonċernata – Revoka ta' din l-assigurazzjoni minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku – Sitwazzjoni ta' apolidija – Kriterji għall-kisba tan-nazzjonalità – Proporzjonalità"

Werrej

I. Introduzzjoni 3

II. Il-kuntest ġuridiku 3

A. Id-dritt internazzjonali 3

1. Il-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija 3

2. Il-konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' ċittadinanza multipla 4

3. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità 4

B. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea 6

C. Id-dritt Awstrijak 6

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domandi preliminari 7

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

IV. Analiżi legali 10

A. Rimarki preliminari 10

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari: is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni? 10

1. Fuq il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni 12

a) Is-sentenza Micheletti *et*: il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-kisba u t-telf tan-nazzjonalità għandha tiġi eżerċitata fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni . . . 12

b) Is-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et*: il-konferma u l-kjarifika tal-prinċipju stabbilit fis-sentenza Micheletti 12

2. Fuq il-konsegwenzi tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni 14

a) L-applikazzjoni tal-prinċipji li rriżultaw mis-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et* għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali 14

b) Il-ġurisprudenza li rriżultat mis-sentenza Ruiz Zambrano: iċ-ċaħda tat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni 17

c) Is-sentenza Lounes: il-loġika tal-integrazzjoni progressiva 18

3. Fuq id-deċiżjoni tar-Repubblika tal-Estonja li biha ġiet xolta r-relazzjoni statali ma' JY . 19

C. Fuq it-tieni domanda preliminari: il-konformità tad-deċiżjoni kontenzjuża mal-prinċipju ta' proporzjonalità 21

1. Fuq il-motiv ta' interess ġenerali mfittex mill-leġiżlazzjoni li fuqu kienet ibbażata d-deċiżjoni kontenzjuża 21

2. Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-konsegwenzi tad-deċiżjoni kontenzjuża fuq is-sitwazzjoni ta' JY 23

a) Fuq iċ-ċirkustanzi relatati mas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata . . . 24

1) In-natura tar-reati 24

2) Iż-żmien li għadda bejn id-data li fiha ngħatat l-assigurazzjoni u dik tar-revoka tagħha 26

3) Il-limitazzjonijiet fl-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Unjoni kollha 26

4) Il-possibbiltà għall-persuna kkonċernata li tirkupra n-nazzjonalità ta' oriġini tagħha 26

5) L-iżvilupp normali tal-ħajja tal-familja u professjonali 26

b) Fuq il-koerenza u l-adegwatezza tar-regoli nazzjonali sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tas-sigurtà tat-toroq 27

V. Konklużjoni 28

I. Introduzzjoni

1. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru tippermettilu li jirrevoka, minħabba reati amministrattivi marbuta mas-sigurtà fit-toroq, l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità lil ċittadin li, filwaqt li jkollu biss in-nazzjonalità ta' Stat Membru wieħed, ikun irrinunzja għal dik in-nazzjonalità u, għalhekk, għall-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea sabiex jikseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor, konformement mad-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-imsemmi Stat li tinkludi tali assigurazzjoni; b'hekk dan jimpedixxi lil din il-persuna milli tirkupra l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni.

2. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tagħti interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE fil-kuntest tal-ġurisprudenza li rriżultat mis-sentenzi Rottmann [2] u Tjebbes *et* [3] u tiftaħ it-tielet parti ta' kapitolu relattivament delikat, li jirrigwarda l-obbligi tal-Istati Membri fil-qasam tal-kisba u tat-telf tan-nazzjonalità fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

1. Il-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija

3. Ir-Repubblika tal-Awstrija aderixxiet mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija, adottata fi New York fit-30 ta' Awwissu 1961 u li daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 1975 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija"), fit-22 ta' Settembru 1972. Din il-konvenzjoni tipprevedi fil-paragrafi 2, 3 u 6 tal-Artikolu 7 tagħha:

"2. Individwu li jippossjedi n-nazzjonalità ta' Stat kontraenti u li jitlob in-naturalizzazzjoni f'pajjiż barrani jitlef in-nazzjonalità tiegħu biss jekk jikseb jew ikun assigurat li jikseb in-nazzjonalità ta' dan il-pajjiż.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-artikolu, ħadd ma jista' jitlef in-nazzjonalità tiegħu jekk minħabba dan il-fatt isir persuna mingħajr stat, minħabba li jkun telaq mill-pajjiż fejn ikollu n-nazzjonalità tiegħu, li jirrisjedi f'pajjiż barrani, li ma jirreġistrax ruħu jew għal kull raġuni simili oħra.

[…]

6. Bl-eċċezzjoni tal-każijiet previsti minn dan l-artikolu, individwu ma jistax jitlef in-nazzjonalità ta' Stat kontraenti jekk minħabba dan il-fatt huwa jispiċċa bħala persuna mingħajr stat, u dan minkejja li dan it-telf ma jkunx espressament eskluż minn kull dispożizzjoni oħra ta' din il-konvenzjoni."

[2] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, (C-135/08, iktar 'il quddiem is-"sentenza Rottmann", EU:C:2010:104).

[3] Sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, (C-221/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tjebbes *et*" EU:C:2019:189).

4. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija jipprovdi fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. L-Istati kontraenti ma għandhom iċaħħdu lil ebda individwu min-nazzjonalità tiegħu jekk din iċ-ċaħda tagħmlu persuna mingħajr stat.

[…]

3. Minkejja d-dispożizzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, Stat kontraenti jista' jżomm id-dritt li jċaħħad lil individwu minn-nazzjonalità tiegħu, jekk jipproċedi, fil-mument tal-iffirmar, tar-ratifika jew tal-adeżjoni, għal dikjarazzjoni f'dan is-sens filwaqt li jispeċifika raġuni waħda jew iktar previsti mill-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu f'din id-data li jaqgħu f'dawn il-kategoriji segwenti:

a) Jekk individwu, f'ċirkustanzi li juru nuqqas ta' lealtà minn naħa tiegħu lejn l-Istat kontraenti,

   […]

   ii) Wera mġieba tali li tippreġudika b'mod serju l-interessi essenzjali tal-Istat;

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

2. Il-konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' ċittadinanza multipla

5. Il-konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' ċittadinanza multipla u dwar l-obbligi militari fil-każijiet ta' ċittadinanza multipla, iffirmata fi Strasbourg fis-6 ta' Mejju 1963 u li daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 1968, ilha applikabbli għar-Repubblika tal-Awstrija mill-1 ta' Settembru 1975.

6. L-Artikolu 1 ta' din il-konvenzjoni, intitolat "Dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' ċittadinanza multipla", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu, li, "[i]ċ-ċittadini maġġorenni tal-Partijiet kontraenti li wara manifestazzjoni espressa ta' volontà, permezz ta' naturalizzazzjoni, għażla jew reintergazzjoni, jiksbu n-nazzjonalità ta' Parti oħra, jitilfu n-nazzjonalità preċedenti tagħhom; dawn ma jistgħux jiġu awtorizzati li jżommuha". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

3. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità

7. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità, adottata fis-6 ta' Novembru 1997 fil-kuntest tal-Kunsill tal-Ewropa u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar in-Nazzjonalità"), hija applikabbli għar-Repubblika tal-Awstrija mill-1 ta' Marzu 2000.

8. L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità, intitolat "Prinċipji" jipprevedi li r-regoli dwar in-nazzjonalità ta' kull Stat Parti għandhom ikunu bbażati fuq, b'mod partikolari, il-prinċipji li jgħidu li kull individwu għandu dritt għal nazzjonalità u l-apolidija għandha tkun evitata.

9. L-Artikolu 6 ta' din il-konvenzjoni, intitolat "Il-kisba tan-nazzjonalità" jipprovdi, fil-paragrafu 3 tiegħu, li "[k]ull Stat Parti għandu jipprevedi fid-dritt intern tiegħu, għall-persuni li jirrisjedu legalment u abitwalment fit-territorju tiegħu, il-possibbiltà ta' naturalizzazzjoni. Ma għandux jipprovdi, fost il-kundizzjonijiet ta' naturalizzazzjoni, perijodu ta' residenza li jaqbeż l-għaxar snin qabel il-preżentata tal-applikazzjoni".

10. L-Artikolu 7 tal-konvenzjoni msemmija, intitolat "Telf tan-nazzjonalità bħala dritt jew fuq inizjattiva tal-Istat Parti", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Stat Parti ma jistax jipprevedi fid-dritt intern tiegħu t-telf tan-nazzjonalità tiegħu bħala dritt jew fuq inizjattiva tiegħu, ħlief fil-każijiet segwenti:

a. il-kisba volontarja ta' nazzjonalità oħra;

b. il-kisba tan-nazzjonalità tal-Istat Parti bħala riżultat ta' mġieba frawdolenti, informazzjoni falza jew il-ħabi ta' fatt rilevanti minn-naħa tar-rikorrent;

[…]

d. imġieba li tippreġudika serjament l-interessi essenzjali tal-Istat Parti;

[…]

3 Stat Parti ma jistax jipprovdi fid-dritt intern tiegħu għat-telf tan-nazzjonalità tiegħu skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu jekk il-persuna kkonċernata b'hekk issir persuna mingħajr stat, bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fil-punt b tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu."

11. L-Artikolu 8 tal-istess konvenzjoni, intitolat "Telf tan-nazzjonalità fuq l-inizjattiva tal-individwu", jipprovdi, b'mod partikolari, li "[k]ull Stat Parti għandu jippermetti r-rinunzja tan-nazzjonalità tiegħu, bil-kundizzjoni li l-persuni kkonċernati ma jsirux persuni apolidi".

12. Skont l-Artikolu 10 tal-konvenzjoni dwar in-nazzjonalità, intitolat "Ipproċessar tal-applikazzjonijiet", "[k]ull Stat Parti għandu jagħmel mod li jipproċessa fi żmien raġonevoli l-applikazzjonijiet dwar il-kisba, iż-żamma, it-telf tan-nazzjonalità tiegħu, l-integrazzjoni mill-ġdid fin-nazzjonalità tiegħu jew il-ħruġ ta' ċertifikat ta' nazzjonalità".

13. L-Artikolu 15 ta' din il-konvenzjoni intitolat "Każijiet oħra possibbli ta' nazzjonalità multipla", jipprevedi:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ma jillimitawx id-dritt ta' kull Stat Parti li jiddetermina fid-dritt intern tiegħu jekk:

a. iċ-ċittadini tiegħu li jiksbu jew jippossjedu n-nazzjonalità ta' Stat ieħor iżommu jew jitilfu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Parti,

b. il-kisba jew iż-żamma tan-nazzjonalità tiegħu hija suġġetta għar-rinunzja jew għat-telf ta' nazzjonalità oħra."

14. L-Artikolu 16 tal-konvenzjoni msemmija, intitolat "Żamma tan-nazzjonalità preċedenti" jistipula li "Stat Parti ma għandux jagħmel ir-rinunzja jew it-telf ta' nazzjonalità oħra kundizzjoni għall-kisba jew għaż-żamma tan-nazzjonalità tiegħu meta din ir-rinunzja jew dan it-telf ma jkunx possibbli jew ma jistax jiġi rikjest b'mod raġonevoli". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

15. L-Artikolu 20(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jipprovdi li "[k]walunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru" hija ċittadina tal-Unjoni. Konformement mal-Artikolu 20(2)(a) TFUE, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom "id-dritt ta' moviment liberu u d-dritt ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri".

C. Id-dritt Awstrijak

16. L-Artikolu 10 tal-iStaatsbürgerschaftsgesetz 1985, (il-Liġi Awstrijaka dwar in-nazzjonalità tal-1985), tat-30 ta' Lulju 1985 [4] (iktar 'il quddiem l-"StbG"), intitolat "Għoti"), jipprovdi:

"(1) Sakemm mhux previst mod ieħor f'din il-liġi federali, in-nazzjonalità ma tistax tingħata lil barrani ħlief

[…]

6. jekk dan jippreżenta l-garanzija, fir-rigward tal-imġieba tiegħu preċedenti, li huwa għandu attitudni pożittiva fir-rigward tar-Repubblika u li huma ma jikkostitwixxix riskju għall-paċi, għall-ordni u għas-sigurtà pubblika, u lanqas ma jhedded l-interessi pubbliċi msemmija fl-Artikolu 8(2) tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950];

[…]

(2) Iċ-ċittadinanza ma tistax tingħata lil barrani

[…]

2. jekk huwa għandu iktar minn kundanna eżekuttiva waħda għal reat amministrattiv serju bi grad ta' gravità partikolari […]

[…]

(3) In-nazzjonalità ma tistax tingħata lil barrani li għandu nazzjonalità barranija meta dan

1. jonqos milli jipproċedi bl-atti neċessarji għax-xoljiment tar-relazzjoni tiegħu preċedenti ma' Stat, meta dawn l-atti jkunu possibbli għalih u jistgħu jiġu raġonevolment rikjesti minnu […]

[…]"

17. L-Artikolu 20 tal-StbG jipprovdi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"(1) Barrani għandu jkun assigurat li n-nazzjonalità ser tingħatalu qabel kollox fil-każ li dan jistabbilixxi, fi żmien sentejn, li r-relazzjoni tiegħu mal-Istat ta' oriġini preċedenti tiegħu ġiet xolta, meta

[4] BGBl. 311/1985, fil-verżjoni ppubblikata fil-BGBl. I, 136/2013.

1. ma jkunx persuna mingħajr stat;

2. ma jkunu japplikaw la l-Artikolu 10(6), la l-Artikolu 16(2), u lanqas l-Artikolu 17(4), u

3. din l-assigurazzjoni tagħmilha possibbli għalih jew tista' tiffaċilitalu x-xoljiment tar-relazzjoni mal-Istat ta' oriġini preċedenti tiegħu.

(2) L-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità għandha tiġi revokata meta l-barrani, bl-eċċezzjoni tal-punt 7 tal-Artikolu 10(1), ma jkunx jissodisfa iktar kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet rikjesti għal dan l-għoti.

(3) In-nazzjonalità li ġiet assigurata li tingħata għandha tingħata malli

1. r-relazzjoni tal-barrani mal-Istat ta' oriġini preċedenti tiegħu tkun ġiet xolta jew

2. l-barrani jistabbilixxi li l-azzjonijiet rikjesti sabiex tiġi xolta r-relazzjoni preċedenti tiegħu ma' Stat ma kinux possibbli jew ma setgħux jiġu raġonevolment rikjesti minnu".

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domandi preliminari

18. Permezz ta' ittra tal-15 ta' Diċembru 2008, JY, dak iż-żmien ċittadina Estonjana, talbet l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka.

19. Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2014, in-Niederösterreichische Landesregierung (il-Gvern tal-Land tal-Awstrija ta' Isfel, l-Awstrija), li kien għalhekk kompetenti fir-rigward tal-post ta' residenza ta' JY, taha l-assigurazzjoni, konformement mal-punt 2 tal-Artikolu 11a(4), moqri flimkien mal-Artikoli 20 u 39 tas-StbG, li n-nazzjonalità Awstrijaka kienet ser tingħatalha jekk JY tipprova, fi żmien sentejn, ix-xoljiment tar-relazzjoni tagħha mar-Repubblika tal-Estonja.

20. JY stabbilixxiet ir-residenza prinċipali tagħha fi Vjenna (l-Awstrija) u fiż-żmien previst ta' sentejn ippreżentat il-konferma tar-Repubblika tal-Estonja li tgħid li, permezz ta' deċiżjoni tal-Gvern ta' dak l-Istat Membru tas-27 ta' Awwissu 2015, ir-relazzjoni ta' nazzjonalità miegħu kienet ġiet xolta. Wara x-xoljiment ta' din ir-relazzjoni, JY saret persuna mingħajr stat.

21. Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2017, il-Wiener Landesregierung (il-Gvern tal-Land ta' Vjenna, l-Awstrija), li saret kompetenti sabiex teżamina t-talba ta' JY, irrevokat id-deċiżjoni tan-Niederösterreichische Landesregierung (il-Gvern tal-Land tal-Awstrija ta' Isfel), konformement mal-Artikolu 20(2) tas-StbG, u ċaħdet, skont il-punt 6 tal-Artikolu 10(1) ta' din il-liġi, it-talba ta' JY sabiex tingħata n-nazzjonalità Awstrijaka (iktar 'il-quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

22. Il-Wiener Landesregierung (il-Gvern tal-Land ta' Vjenna), iġġustifika din id-deċiżjoni billi indika li JY, min-naħa, kienet wettqet, wara li kienet ingħatat l-assigurazzjoni li kienet ser tingħatalha n-nazzjonalità Awstrijaka, żewġ reati amministrattivi serji, li rriżultaw min-nuqqas ta' twaħħil tal-istiker tal-kontroll tekniku fuq il-vettura tagħha kif ukoll is-sewqan ta' vettura bil-mutur waqt li kienet taħt l-influwenza tal-alkoħol, u, min-naħa l-oħra, li kienet responsabbli għal tmien reati amministrattivi, imwettqa matul il-perijodu bejn l-2007 u l-2013, qabel ma

kienet ingħatat din l-assigurazzjoni. Konsegwentement, din l-awtorità amministrattiva qieset li JY ma baqatx tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG. JY ippreżentat rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni.

23. Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, il-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna) ċaħdet ir-rikors, billi qieset, essenzjalment, li kien hemm lok li l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka tiġi rrevokata, konformement mal-Artikolu 20(2) tas-StbG, wara li deheret raġuni għal rifjut sussegwentement għall-produzzjoni tal-prova tax-xoljiment tar-relazzjoni Statali preċedenti u li, f'dan il-każ, il-kundizzjoni għall-għoti prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 10(1) ta' din il-liġi ma kinitx sodisfatta. Fil-fatt, iż-żewġ reati amministrattivi serji inkwistjoni huma tali li jqiegħdu fil-perikolu, l-ewwel nett, il-protezzjoni tas-sigurtà tat-traffiku pubbliku u, it-tieni nett, is-sigurtà ta' utenti tat-toroq oħra. Skont din il-qorti, dawn iż-żewġ reati amministrattivi serji, ikkunsidrati flimkien mat-tmien reati amministrattivi mwettqa matul il-perijodu bejn l-2007 u l-2013, kienu jwasslu għal dubju dwar l-imġieba korretta ta' JY fil-futur, fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni, peress li r-residenza twila ta' JY fl-Awstrija kif ukoll l-integrazzjoni professjonali u personali tagħha ma setgħux ipoġġu indiskussjoni din il-konklużjoni.

24. Barra minn hekk, il-qorti msemmija qieset li s-sentenza Rottmann ma tapplikax għar-raġuni li, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, JY kienet diġà persuna mingħajr stat u għalhekk ma kinitx iktar ċittadina tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' reati serji wasslet biex jitqies li l-miżuri meħuda bid-deċiżjoni kontenzjuża kienu proporzjonati fir-rigward tal-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija.

25. JY ippreżentat rikors għal ritrattazzjoni kontra din is-sentenza quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija).

26. F'dan il-każ, fid-dawl tar-reati amministrattivi mwettqa minn JY qabel u wara li rċeviet l-assigurazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, fid-dritt Awstrijakk, ma jistgħu jiġu kkontestati la l-fatt li l-kundizzjonijiet għar-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità huma sodisfatti, fis-sens tal-Artikolu 20(2) tas-StbG, u lanqas iċ-ċaħda tat-talba għall-għoti ta' din in-nazzjonalità, konformement mal-punt 6 tal-Artikolu 10(1) ta' din il-liġi.

27. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li għalkemm il-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna) eżaminat il-proporzjonalità ta' din ir-revoka, fir-rigward tas-sitwazzjoni bħala persuna mingħajr stat ta' JY, fid-dawl tal-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija u kkonkludiet li din kienet proporzjonali, fid-dawl tar-reati mwettqa minnha, madankollu, mill-perspettiva tal-Unjoni, din il-qorti ma wettqitx stħarriġ tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi tar-revoka tal-assigurazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata u, jekk ikun il-każ, fuq dik tal-membri tal-familja tagħha, meta qieset li s-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et* ma kinux applikabbli f'dan il-każ.

28. Għalhekk, fir-rigward tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tindika qabel kollox li, fir-rigward tas-sitwazzjoni fattwali u legali ta' JY fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, determinanti sabiex teżamina l-fondatezza tas-sentenza tal-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna), JY ma kinitx ċittadina tal-Unjoni. B'differenza mas-sitwazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et*, it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ma huwiex, f'dan il-każ, il-korollarju tad-deċiżjoni kontenzjuża. Għall-kuntrarju, bħala riżultat tar-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità,

flimkien maċ-ċaħda tat-talba tagħha għall-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka, JY tilfet id-dritt, miksub b'mod kundizzjonali, li tirkupra ċ-ċittadinanza tal-Unjoni li hija stess kienet diġà abbandunat.

29. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk tali sitwazzjoni taqax, minħabba n-natura u l-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni u jekk, sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża, l-awtorità amministrattiva kompetenti kellhiex tosserva dan id-dritt. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju qieset, bħall-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna), li sitwazzjoni bħal din ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni.

30. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll fuq jekk l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kompetenti għandhomx jistħarrġu, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ir-revoka tal-assigurazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka, li tipprekludi li l-persuna kkonċernata tkun tista' tirkupra l-istatus tagħha ta' ċittadin tal-Unjoni, fid-dawl tal-konsegwenzi fuq is-sitwazzjoni tiegħu, hijiex kompatibbli, mill-perspettiva tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Din il-qorti tqis li tali stħarriġ tal-proporzjonalità għandu jkun meħtieġ u tistaqsi, f'dan ir-rigward, jekk il-fatt waħdu li JY kienet irrinunzjat għaċ-ċittadinanza tal-Unjoni tagħha u xoljiet ir-relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà mal-Istat Membru ta' oriġini tagħha u ċ-ċittadini tiegħu kif ukoll ir-reċiproċità tad-drittijiet u ta' dmirijiet, li huma l-bażi tar-rabta ta' nazzjonalità [5], huwiex deċiżiv.

31. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2020, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Marzu 2020, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tissottometti d-domandi preliminari li ġejjin għall-kunsiderazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Is-sitwazzjoni ta' persuna fiżika li, bħar-rikorrenti fi "proċedura ta' reviżjoni" fil-kawża prinċipali, irrinunzjat għan-nazzjonalità tagħha ta' Stat Membru wieħed tal-Unjoni, u bl-istess mod għaċ-ċittadinanza tagħha tal-Unjoni, sabiex tikseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor konformement mal-assigurazzjoni li din in-nazzjonalità, li hija talbet, ser tingħatalha, u li l-possibbiltà tagħha li tikseb mill-ġdid iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija sussegwentement eskluża permezz tar-revoka ta' din l-assigurazzjoni, taqa', fid-dawl tan-natura u tal-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li dan tal-aħħar għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għal dak li jirrigwarda ir-revoka tal-imsemmija assigurazzjoni?

Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

2) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi, jekk ikun il-każ, il-qrati nazzjonali, għandhom jivverifikaw, fil-kuntest tad-deċiżjoni dwar ir-revoka tal-assigurazzjoni li tirrigwarda l-għoti tan-nazzjonalità tal-Istat Membru, jekk ir-revoka tal-assigurazzjoni li teskludi l-kisba mill-ġdid taċ-ċittadinanza tal-Unjoni hijiex, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità, fid-dawl tal-konsegwenzi tagħha għas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata?"

32. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn JY, mill-Gvernijiet tal-Awstrija u ta' Franza, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet ikkonċernati, kif ukoll il-Gvernijiet tal-Estonja u tal-Pajjiżi l-Baxxi, kienu rappreżentati matul is-seduta li nżammet fl-1 ta' Marzu 2021.

[5] Ara s-sentenza Tjebbes *et*, punt 33.

IV. Analiżi legali

A. Rimarki preliminari

33. L-Artikolu 20(1) TFUE jipprovdi li "Kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru hija ċittadina tal-Unjoni. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni għandha tiżdied maċ-ċittadinanza nazzjonali u ma tissostitwixxihiex". Għalhekk, l-Artikolu 20 TFUE jagħti lil kull persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni [6], li hija intiża sabiex tkun l-istat fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri [7]. Dan ifisser li n-nazzjonalità ta' Stat Membru hija l-prekundizzjoni għat-tgawdija tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni li magħha huma marbuta d-dmirijiet u d-drittijet kollha previsti mit-Trattat FUE [8]. Għalhekk, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni għandha natura mhux biss idderivat iżda wkoll addizzjonali, sa fejn hija tagħti drittijiet supplimentari liċ-ċittadini tal-Unjoni, bħad-dritt ta' moviment liberu u d-dritt ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri jew id-dritt tal-vot u ta' eliġibbiltà għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll għall-elezzjonijiet muniċipali [9]. F'dan is-sens, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni jagħti liċ-ċittadini tal-Istati Membri ċittadinanza "lil hinn mill-Istat" [10].

34. Il-kawża preżenti, li taqa' taħt dan il-kuntest legali, tikkonċerna direttament l-istatus fundamentali ta' ċittadin tal-Unjoni u d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jsegwu s-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et*, li huma partikolarment rilevanti f'dan il-każ.

35. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nanalizza, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax taħt id-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ser nesponi l-ġurisprudenza relatata mat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni qabel ma nanalizza, fid-dawl ta' dan, il-konsegwenzi tad-deċiżjoni kontenzjuża (l-ewwel domanda). Fit-tieni lok, wara li nkun għamilt referenza għad-deċiżjoni tal-Gvern Estonjan relatata max-xoljiment tar-relazzjoni Statali ma' JY, ser neżamina l-proporzjonalità ta' din l-ewwel deċiżjoni (it-tieni domanda).

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari: is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni?

36. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk is-sitwazzjoni ta' persuna fiżika li, filwaqt li ma jkollhiex ħlief in-nazzjonalità ta' Stat Membru wieħed biss, tirrinunzja għal din in-nazzjonalità u, għalhekk, għall-istatus tagħha ta' ċittadin tal-Unjoni sabiex tikseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor, konformement mad-deċiżjoni tal-awtoritajiet ta' dan tal-aħħar li jipprovdu l-assigurazzjoni li din in-nazzjonalità ser tingħatalha, iżda madankollu sussegwentement din id-deċiżjoni ġiet irrevokata u t-talba tagħha għall-imsemmija nazzjonalità ġiet miċħuda, u għalhekk ċaħħdet lil din il-persuna milli tirkupra l-istatus tagħha ta' ċittadin tal-Unjoni, taqax, minħabba n-natura u l-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni.

6 Sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, D'Hoop (C-224/98, EU:C:2002:432, punt 27) u, iktar riċentement, tas-27 ta' Frar 2020, Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real (Konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea) (C-836/18, EU:C:2020:119, punt 35).

7 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2001, Grzelczyk (C-184/99, EU:C:2001:458, punt 31).

8 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(2) TFUE jipprevedi, b'mod partikolari li "[i]ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom igawdu d-drittijiet u jintrabtu bid-dmirijiet previsti fit-Trattati".

9 L-inċiż (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(2) TFUE. Ara wkoll l-inċiżi (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(2) TFUE. B'mod partikolari mill-inċiż (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(2) TFUE jirriżulta li l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ma huwiex irriżervat għaċ-ċittadini tal-Istati Membri li huma residenti jew li huma preżenti fit-territorju tal-Unjoni. Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2018:572, punt 38).

10 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Rottmann (C-135/08, EU:C:2009:588, punt 16).

37. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-partikolaritajiet tal-kawża preżenti, il-qorti tar-rinviju tindika li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija kkaratterizzata mill-fatt li, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, JY kienet diġà rrinunzjat għan-nazzjonalità Estonjana tagħha u, konsegwentement, għall-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni. Għalhekk, b'differenza mas-sitwazzjonijiet li taw lok għas-sentenzi f'Rottmann u f'Tjebbes *et*, it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ma huwiex il-korollarju tad-deċiżjoni kontenzjuża u s-sitwazzjoni ta' JY ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni.

38. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-partijiet, il-Gvern Awstrijak jaqbel mal-opinjoni tal-qorti tar-rinviju u jsostni li JY irrinunzjat għan-nazzjonalità Estonjana fuq inizjattiva tagħha stess u, għalhekk, għaċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Madankollu, JY tenfasizza li qatt ma kellha l-intenzjoni li tirrinunzja l-kwalità tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni bħala status fundamentali. Hija xtaqet biss – b'aspettattiva leġittima – li tikseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor u, finalment, tilfet b'mod involontarju ċ-ċittadinanza tal-Unjoni. JY issostni li, sa fejn ir-revoka tal-assigurazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka tirrigwarda d-drittijiet tagħha bħala ċittadina tal-Unjoni, l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu obbligati li josservaw id-dritt tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

39. Il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni jqisu li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa', min-natura u mill-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni.

40. Barra minn hekk, il-Gvern Franċiż iqis li JY, wara li rrinunzjat għan-nazzjonalità Estonjana ta' oriġini tagħha minħabba l-assigurazzjoni mogħtija minn Stat Membru li n-nazzjonalità ta' dan tal-aħħar kienet ser tingħatalha, qed tikkonfronta deċiżjoni ta' revoka ta' din l-assigurazzjoni li għandha bħala effett li żżommha f'sitwazzjoni ta' persuna mingħajr stat, ikkaratterizzata mit-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni mogħti mill-Artikolu 20 TFUE u tad-drittijiet marbuta miegħu. F'sitwazzjoni bħal din, l-Istati Membri huma marbuta li josservaw id-dritt tal-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fil-qasam tan-nazzjonalità.

41. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tammetti li s-sitwazzjoni li tat lok għat-tilwima fil-kawża prinċipali hija differenti minn dawk li taw lok għas-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et*. Madankollu, hija ssostni li l-fatt li ċittadin tal-Unjoni li jixtieq jintegra ruħu aħjar fl-Istat Membru ospitanti, billi jitlob in-nazzjonalità ta' dan tal-aħħar, jadotta mġieba konformi mad-dritt ta' dan l-Istat Membru u huwa lest li jaċċetta li jsir temporanjament persuna mingħajr stat, ma jistax ikun ta' preġudizzju għalih fuq il-bażi li r-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità tkun eżenti mill-istħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-apolodija imposta mis-sistema Awstrijaka ta' kisba ta' nazzjonalità.

42. Il-Gvernijiet tal-Estonja u tal-Pajjiżi l-Baxxi, huma wkoll, sostnew matul is-seduta li s-sitwazzjoni ta' JY taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni.

43. Għalhekk ser neżamina jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża prinċipali, sitwazzjoni bħal din taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

1. Fuq il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni

44. Il-qorti tar-rinviju tagħmel referenza għas-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et*. Madankollu jidhirli li huwa utli li nibda l-analiżi tiegħi tal-ġurisprudenza rilevanti billi neżamina s-sentenza Micheletti *et*[11].

a) Is-sentenza Micheletti et: il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-kisba u t-telf tan-nazzjonalità għandha tiġi eżerċitata fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni

45. Fis-sentenza Micheletti *et*[12], il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li "id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għall-kisba u għat-telf tan-nazzjonalità taqa', konformement mad-dritt internazzjonali, taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru, kompetenza li għandha tiġi eżerċitata fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni". Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, ladarba li Stat Membru, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, ikun attribwixxa n-nazzjonalità tiegħu lil persuna, Stat Membru ieħor ma jistax "jirrestrinġi l-effetti […], billi jimponi kundizzjoni addizzjonali għar-rikonoxximent ta' din in-nazzjonalità fid-dawl tal-eżerċizzju ta' libertà fundamentali prevista mit-Trattat"[13]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

46. Jidhirli importanti li nenfasizza, f'dan l-istadju, li r-riżerva fformulata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza, li tgħid li għandu jiġi osservat id-dritt tal-Unjoni, tinkludi kemm il-kundizzjonijiet għall-kisba kif ukoll dawk tat-telf tan-nazzjonalità. Nirritorna iktar 'il quddiem fuq dan il-punt[14].

b) Is-sentenzi Rottmann u Tjebbes et: il-konferma u l-kjarifika tal-prinċipju stabbilit fis-sentenza Micheletti

47. Il-prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Micheletti *et*[15] ġie kkonfermat fis-sentenza Rottmann[16]. Fil-kuntest tal-eżami ta' deċiżjoni ta' rtirar tan-naturalizzazzjoni adottata mill-awtoritajiet Ġermaniżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll il-portata ta' dan

[11] Sentenza tas-7 ta' Lulju 1992 (C-369/90, EU:C:1992:295).

[12] Sentenza tas-7 ta' Lulju 1992 (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 10). Bħala tfakkira, il-kawża li tat lok għal din is-sentenza kienet tirrigwarda sitwazzjoni ta' ċittadin li kellu ċittadinanza doppja Taljana u Arġentina. Billi xtaq jistabbilixxi ruħu fl-Istat Membru ospitanti (Spanja), l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru, billi invokaw id-dritt nazzjonali tagħhom, kienu żammew in-nazzjonalità tal-post ta' residenza abitwali, jiġifieri dik tal-Istat terz.

[13] Sentenza tas-7 ta' Lulju 1992, Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 10). Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà spjegat din l-idea fis-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1981, Airola vs Il-Kummissjoni (72/80, EU:C:1981:267, punti 8 *et seq*), u tas-7 ta' Frar 1979, Auer (136/78, EU:C:1979:34, punt 28). Fl-ewwel waħda, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet irrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, in-naturalizzazzjoni Taljana ta' uffiċjal ta' nazzjonalità Belġjana, għar-raġuni li din kienet ġiet imposta fuqu, bl-applikazzjoni tad-dritt Taljan, mingħajr il-possibbiltà li jirrinunzja għaliha minħabba ż-żwieġ tiegħu ma' ċittadin ta' nazzjonalità Taljana, bi ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament bejn persunal maskili u femminili. Fit-tieni waħda, hija kienet iddeċidiet li "ebda dispożizzjoni tat-Trattat ma tippermetti, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, li ċittadini ta' Stat Membru jkunu trattati b'mod differenti, skont iż-żmien li fih jew il-mod kif kisbu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat, sakemm fil-mument meta huma jinvokaw il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, huma jkollhom in-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri".

[14] Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[15] Sentenza tas-7 ta' Lulju 1992 (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 10).

[16] Punti 39 u 45. Bħala tfakkira, J. Rottmann kien kiseb in-nazzjonalità Ġermaniża permezz ta' naturalizzazzjoni, b'mod frawdolenti.

il-prinċipju [17]. Għalhekk, wara li fakkret il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-kisba u t-telf tan-nazzjonalità [18], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li "il-fatt li settur huwa ta' kompetenza tal-Istati Membri, ma jipprekludix, f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, li r-regoli nazzjonali kkonċernati għandhom ikunu konformi ma' dan tal-aħħar" [19]. F'dan ir-rigward, hija bbażat ruħha fuq ġurisprudenza stabbilita relatata ma' sitwazzjonijiet li fihom leġiżlazzjoni adottata f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza nazzjonali hija evalwata fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [20]. Peress li dawn is-sitwazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huma għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni u huma suġġetti għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja [21]. Fil-fatt, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-effett utli tiegħu u, għaldaqstant, id-drittijiet li jagħti ma jistgħux jinkisru permezz tal-adozzjoni ta' miżuri Statali [22].

48. Fis-sentenza Rottmann [23], il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddikjarat li, fid-dawl tan-natura fundamentali tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni mogħtija mill-Artikolu 20 TFUE, is-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni li huwa kkonfrontat b'deċiżjoni ta' rtirar tan-naturalizzazzjoni adottata mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li tpoġġih, wara li jkun tilef in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor li kellu oriġinarjament, f'sitwazzjoni li tista' twassal għat-telf tal-imsemmi status u tad-drittijiet marbuta miegħu taqa', minħabba n-natura u l-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni.

49. Għalhekk din is-sentenza feħet it-triq għall-possibbiltà, li ċerti aspetti tal-leġiżlazzjonijiet dwar in-nazzjonalità tal-Istati Membri marbuta mat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni jkunu suġġetti għal eżami bir-reqqa fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni [24]. Opportunità bħal din ippreżentat ruħha disa' snin iktar tard, bil-kawża li tat lok għas-sentenza Tjebbes *et* [25].

[17] Ara, b'mod partikolari, Lagarde, P., "Retrait de la nationalité acquise frauduleusement par naturalisation", *Revue critique de droit international privé*, 2010, p. 540; Kostakopoulou, D., "European Union citizenship and Member State nationality: updating or upgrading the link?", *Has the European Court of Justice Challenged Member State Sovereignty in Nationality Law*?, Shaw, J. (editur), *EUI Working Papers*, RSCAS 2011/62, Robert Schuman Centre for Advanced Studies, EUDO Citizenship Observatory, p. 21 sa 26, u, fl-istess xogħol, Kochenov, D., "Two Sovereign States vs. a Human Being: CJEU as a Guardian of Arbitrariness in Citizenship Matters", p. 11 sa 16, kif ukoll De Groot, G.R. u Seling, A., "The consequences of the Rottmann judgment on Member State autonomy – The Courts avant gardism in nationality matters", p. 27 sa 31.

[18] Sentenza Rottmann, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[19] Sentenza Rottmann, punt 41. Ara, wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża (C-135/08, EU:C:2009:588, punt 20): "Xorta jibqa' l-fatt li, meta s-sitwazzjoni tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-kompetenzi tagħhom ma jistax ikun diskrezzjonarju. Dan huwa limitat mill-obbligu tal-osservanza tar-regoli Komunitarji."

[20] Sentenza Rottmann, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[21] Ara, b'mod partikolari, għal analiżi dottrinali tal-ġurisprudenza relatata ma' dan il-qasam, Konstadinides, T., "La fraternité européenne? The extent of national competence to condition the acquisition and loss of nationality from the perspective of EU citizenship", *European Law Review*, 2010, 35(3), p. 401 sa 414, u Pudzianowska, D., Warunki nabycia i utraty obywatelstwa Unii Europejskiej. Czy dochodzi do autonomizacji pojęcie obywatelstwa Unii?", *Ochrona praw obywatelek i obywateli Unii Europejskiej, éd. Baranowska*, G., Bodnar, A., Gliszczyńska-Grabias, A., Varsavja, 2015, p. 141 sa 154.

[22] Ara, dwar din is-sentenza, Mengozzi, P., "Complémentarité et coopération entre la Cour de justice de l'Union européenne et les juges nationaux en matière de séjour dans l'Union des citoyens d'États tiers", *Il Diritto dell'Unione Europea,* 2013, Nru 1, p. 29 sa 48, b'mod partikolari, p. 34. Ara, ukoll, Barbou Des Places, S., "La nationalité des États membres et la citoyenneté de l'Union dans la jurisprudence communautaire: la nationalité sans frontières", *Revue des Affaires européennes*, Bruylant/Larcier, 2011, p. 29 sa 50, b'mod partikolari p. 26: "Ma huwiex l-irtirar tan-nazzjonalità bħala tali li tikkonċerna d-dritt tal-Unjoni, iżda l-fatt li dan l-irtirar għandu effett fuq il-pussess tal-kwalità ta' ċittadin tal-Unjoni".

[23] Punt 42. Kif enfasizza l-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2018:572, punt 34): "fis-sentenza Rottmann, il-Qorti tal-Ġustizzja, kuntrarjament għall-Avukat Ġenerali tagħha [ara l-punt 13 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Rottmann (C-135/08, EU:C:2009:588)], ma fittxitx rabta bejn ir-revoka tan-naturalizzazzjoni ta' Janko Rottmann u l-eżerċizzju minn dan tal-aħħar tad-dritt tiegħu li jiċċaqlaq fl-Unjoni." Ara, ukoll, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), fejn il-punt 42 huwa ispirat mill-punt 42 tas-sentenza Rottmann.

[24] Ara, f'dan ir-rigward, Shaw, J., "Setting the scene: the Rottmann case introduced", *Has the European Court of Justice Challenged Member State Sovereignty in Nationality Law*?, op. cit., p. 4.

[25] Bħala tfakkira, din is-sentenza kienet tikkonċerna ċittadini tal-Pajjiżi l-Baxxi li kellhom in-nazzjonalità ta' Stat terz li adixxew il-qrati tal-Pajjiżi l-Baxxi wara ċ-ċaħda mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li jeżamina t-talbiet tagħhom għat-tiġdid tal-passaport nazzjonali. Iċ-ċaħda tal-Ministeru kienet ibbażata fuq il-liġi dwar in-nazzjonalità tal-Pajjiżi l-Baxxi, li kienet tipprevedi b'mod partikolari li persuna maġġorenni titlef din in-nazzjonalità jekk għandha wkoll nazzjonalità barranija u jekk hija kellha, matul l-età maġġorenni tagħha, ir-residenza prinċipali tagħha matul perijodu mhux interrott ta' għaxar snin barra l-Pajjiżi l-Baxxi u l-Unjoni Ewropea.

50. F'dik is-sentenza, kienet kundizzjoni ġenerali tat-telf awtomatiku tad-dritt tan-nazzjonalità tal-Pajjiżi l-Baxxi u, għaldaqstant, tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni tal-partijiet ikkonċernati li kienet is-suġġett ta' eżami fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni [26]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat [27] il-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza preċedenti [28]. Billi għamlet referenza għall-punti 42 u 45 tas-sentenza Rottmann, hija kkonfermat li s-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru wieħed biss u li, minħabba t-telf ta' din in-nazzjonalità, huma kkonfrontati bit-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, mogħtija mill-Artikolu 20 TFUE, kif ukoll tad-drittijiet marbuta miegħu taqa', *minħabba n-natura tagħha u l-konsegwenzi tagħha*, taħt id-dritt tal-Unjoni u li l-Istati Membri għandhom għalhekk, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fil-qasam tan- nazzjonalità, josservaw id-dritt tal-Unjoni [29].

51. Fid-dawl ta' dan il-kuntest ta' ġurisprudenza [30], il-mistoqsija li tqum f'dan il-każ hija s-segwenti: is-sitwazzjoni ta' JY taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni?

52. Jiena konvint, għar-raġunijiet li ser nesponi iktar 'il quddiem, li din il-mistoqsija għandha titwieġeb fl-affermattiv.

2. Fuq il-konsegwenzi tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni

a) L-applikazzjoni tal-prinċipji li rriżultaw mis-sentenzi Rottmann u Tjebbes et għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali

53. Huwa ċertament minnu, f'dan il-każ, li fid-data rilevanti sabiex tiġi eżaminata l-fondatezza tar-rikors fil-kawża prinċipali, jiġifieri dik li fiha ġiet adottata d-deċiżjoni kontenzjuża [31], JY kienet diġà persuna mingħajr stat u, konsegwentement, kienet tilfet l-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni. Huwa wkoll minnu li t-telf ta' dan l-istatus ma jirriżultax direttament mid-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, JY kisbet ix-xoljiment tar-relazzjoni statali tagħha mar-Repubblika tal-Estonja permezz ta' deċiżjoni tal-Gvern ta' dan l-Istat Membru.

[26] U mhux deċiżjoni individwali ta' rtirar tan-nazzjonalità, ibbażata fuq l-imġiba tal-parti kkonċernata, bħal fil-kawża li tat lok għas-sentenza Rottmann.

[27] Ara l-punti 45 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[28] Sentenza Tjebbes *et*, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata. Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2018:572, punt 28), l-Avukat Ġenerali Mengozzi qies li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kinux tilfu definittivament l-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni mogħti mill-Artikolu 20 TFUE, iżda li kienu tpoġġew f'"sitwazzjoni li tista' twassal għat-telf ta' dan l-istatus", filwaqt li kkonkludiet li s-sitwazzjonijiet inkwistjoni f'din il-kawża jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha, ma analizzatx l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni.

[29] Sentenza Tjebbes *et*, punt 32. Nosserva li minn dan il-punt jirriżulta li ma humiex biss is-"sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għat-telf ta' dan l-istatus" li jaqgħu, minħabba n-natura u l-konsegwenzi tagħhom, taħt id-dritt tal-Unjoni [sentenza Rottman, punt 42], iżda wkoll dawk li fihom il-persuni "*huma kkonfronati bit-telf tal-istatus mogħti mill-Artikolu 20 TFUE kif ukoll id-drittijiet marbuta miegħu*". Korsiv miżjud minni. Fil-fehma tiegħi, id-deskrizzjoni ta' dan it-tieni tip ta' sitwazzjoni hija iktar diretta peress li tagħmel referenza għal sitwazzjonijiet li fihom il-persuni kkonċernati jinsabu *kostretti* li jikkonfrontaw it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni.

[30] Ara l-punti 45 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[31] Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

54. Barra minn hekk, huwa ċar li t-telf tal-imsemmi status ma jirriżultax minn kundizzjoni ta' telf ta' nazzjonalità [32] iżda minn kundizzjoni tal-kisba tiegħu prevista mill-leġiżlazzjoni Awstrijaka [33]. Fil-fatt, l-awtoritajiet Awstrijaċi ġġustifikaw il-miżuri adottati bid-deċiżjoni kontenzjuża billi invokaw il-fatt li JY ma ssodisfatx iktar il-kundizzjonijiet għall-kisba tan-nazzjonalità Awstrijaka, previsti fil-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG [34].

55. Kif indikajt diġà [35], fid-dawl ta' dawn il-partikolaritajiet, is-sitwazzjoni ta' JY hija differenti mis-sitwazzjonijiet li taw lok għas-sentenzi Rottmann u Tjebbes *et*. Madankollu jiena tal-fehma li dawn iċ-ċirkustanzi ma humiex ta' natura li jeskludu s-sitwazzjoni ta' JY mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u dan għar-raġunijiet segwenti.

56. Fl-ewwel lok, għalkemm id-deċiżjonijiet tal-Gvern Estonjan u tal-Wiener Landesregierung (Gvern tal-Land ta' Vjenna) huma ċertament ibbażati fuq is-sistema tal-kisba u tat-telf tan-nazzjonalità ta' żewġ ordinamenti ġuridiċi differenti [36], madankollu naqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li tgħid li r-revoka tal-assigurazzjoni dwar in-naturalizzazzjoni ta' persuna mingħajr stat fid-data ta' tali revoka ma għandhiex titqies b'mod iżolat, iżda fid-dawl tal-fatt li din il-persuna kienet ċittadin ta' Stat Membru ieħor u kellha għalhekk l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni [37]. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, it-telf minn JY tal-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni tagħha għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi evalwat billi tittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Estonjani, iżda wkoll tal-proċedura ta' naturalizzazzjoni Awstrijaka, meqjusa b'mod sħiħ [38].

57. Fit-tieni lok, nixtieq nerġa' lura fuq il-punt imqajjem preċedentement, jiġifieri li r-riżerva fformulata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Micheletti *et* [39] tinkludi wkoll kemm il-kundizzjonijiet għall-kisba tan-nazzjonalità kif ukoll dawk tat-telf ta' tagħha. Il-prinċipju stabbilit f'din is-sentenza ġie kkonfermat fis-sentenzi Rottmann [40] u Tjebbes *et* [41]. Għaldaqstant, dan il-prinċipju japplika fil-każijiet bħal dak f'din il-kawża, li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet għall-kisba tan-nazzjonalità, *sa fejn dawn il-kundizzjonijiet għandhom bħala konsegwenza t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni* tal-parti kkonċernata. Għaldaqstant, fir-rigward ta' ċittadini tal-Unjoni, l-eżerċizzju tal-kompetenza fil-qasam tat-telf u tal-kisba tan-nazzjonalità jista', peress li *jaffettwa d-drittijiet kollha mogħtija u protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni*, ikun suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju skont id-dritt tal-Unjoni.

[32] Kemm jekk hija kundizzjoni ta' rtirar tan-nazzjonalità miksuba permezz ta' naturalizzazzjoni, bħal fil-kawża Rottmann, jew ta' kundizzjoni ta' telf awtomatiku ta' nazzjonalità, bħal fis-sentenza Tjebbes *et*.

[33] Ara l-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[34] Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[35] Ara l-punti 28 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[36] L-ewwel deċiżjoni tirrigwarda *l-proċedura ta' telf tan-nazzjonalità* Estonjana peress li d-deċiżjoni kontenzjuża tirrigwarda *l-proċedura tal-kisba tan-nazzjonalità* Awstrijaka.

[37] Il-fatt li JY kellha n-nazzjonalità Estonjana qabel ma rrinunzjat għaliha sabiex tikkonforma mal-leġiżlazzjoni Awstrijaka tiddistingwi s-sitwazzjoni tagħha minn dik inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Kaur (C-192/99, EU:C:2001:106), li fiha, peress li M. Kaur, ma kinitx tissodisfa t-tifsira ta' ċittadina tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq, ma setgħetx tiġi mċaħħda mid-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, peress li din qatt ma kellha tali drittijiet. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Rottmann, punt 49.

[38] Dwar id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Estonjani, ara l-punt 76 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

[39] Sentenza tas-7 ta' Lulju 1992, Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 10). Ara l-punti 46 u 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[40] Punti 39 u 45.

[41] Punti 30 u 32.

58. F'dan il-każ, mill-kuntest ġuridiku ppreżentat mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li skont l-Artikolu 20(1) tas-StbG, l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka hija suġġetta għall-kundizzjoni *sine qua non* li l-persuna kkonċernata għandha, f'perijodu ta' sentejn, ixxolji r-relazzjoni tagħha mal-Istat Membru ta' oriġini. Fi kliem ieħor, din il-persuna għandha taċċetta mhux biss li ssir persuna mingħajr stat, iżda wkoll li titlef iċ-ċittadinanza tal-Unjoni [42].

59. F'dan ir-rigward, jidhirli importanti li neżamina, minn naħa, in-natura volontarja jew le tar-rinunzja tan-nazzjonalità tal-Istat Membru ta' oriġini u, min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tal-aspettattivi leġittimi maħluqa minn tali assigurazzjoni.

60. Fir-rigward, qabel kollox, tan-natura *tal-kundizzjoni ta' rinunzja*, skont il-Gvern Awstrijak, JY irrinunzjat volontarjament għan-nazzjonalità Estonjana u, għalhekk, għall-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni. Iżda tali rinunzja tista' tiġi kkwalifikata bħala "volontarja"?

61. Kuntrarjament għal dak li essenzjalment isostni l-Gvern Awstrijak, is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru li, bħal JY, irrinunzja għan-nazzjonalità ta' oriġini tiegħu bil-*għan waħdieni li jissodisfa l-kundizzjoni* intiża sabiex jikseb l-assigurazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka imposta mill-leġiżlazzjoni nazzjonali u, għaldaqstant, *bil-perspettiva waħdanija li jirkupra ċ-ċittadinanza tal-Unjoni*, ma tistax tiġi kkwalifikata bħala "rinunzja volontarja". Fil-fatt, kif tenfasizza l-Kummissjoni, tali rinunzja seħħet meta l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu taw l-assigurazzjoni lil JY li, minbarra x-xoljiment tar-relazzjoni Statali preċedenti, il-kundizzjonijiet l-oħra kollha relatati mal-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka kienu ssodisfatti. Għalhekk, huwa evidenti li, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tagħha, JY riedet tippreżerva l-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni.

62. Fil-fatt, minħabba li, fil-kuntest tal-assigurazzjoni tan-naturalizzazzjoni, il-leġiżlazzjoni Awstrijaka teħtieġ bħala kundizzjoni *sine qua non* ir-rinunzja tan-nazzjonalità tal-Istat ta' oriġini, filwaqt li żżomm madankollu d-dritt tar-revoka ta' din l-assigurazzjoni, l-eżerċizzju ta' tali revoka *sistematikament* jikkonfronta liċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat bit-telf tal-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni u għalhekk, din is-sitwazzjoni taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni.

63. Sussegwentement, fir-rigward tal-*aspettattivi leġittimi*, huwa ċar li, sa fejn l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka hija kundizzjonali fuq ir-rinunzja u fuq it-telf tan-nazzjonalità ta' oriġini, din l-assigurazzjoni toħloq aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-persuna kkonċernata [43]. B'mod partikolari, jidhirli evidenti li, f'dan il-każ, l-aspettattiva leġittima ta' JY li tirkupra l-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni taqa' taħt il-protezzjoni tad-dritt tal-Unjoni [44]. Għalhekk, billi adottaw deċiżjoni ta' assigurazzjoni dwar in-naturalizzazzjoni, l-awtoritajiet Awstrijaċi huma obbligati li ċittadina bħal JY ma tiġix imċaħħda mill-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni – inkluż fil-każ ta' ksur imwettqa qabel jew wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni – billi jiffaċilitawlha l-kisba tan-nazzjonalità mitluba. Kif jirriżulta

[42] Bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja matul is-seduta, il-Gvern Awstrijak spjega li, fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni, għalkemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma ġietx emendata, l-awtoritajiet Awstrijaċi madankollu emendaw il-prassi tagħhom sabiex jevitaw l-apolidija.

[43] Fuq il-mekkaniżmi marbuta mal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fil-kuntest tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' nazzjonalità, ara de Groot, G.R., u Wautelet, P., "Reflections on Quasi-Loss of Nationality from Comparative, International and European Perspectives", *European Citizenship at the Crossroads. The Role of the European Union on Loss and Acquisition of Nationality*, Carrera Nuñez, S. u De Groot, G.R. (edituri), Wolf Legal Publishers, Oisterwijk, p. 117 sa 156, b'mod partikolari, p. 138 *et seq*.

[44] Fir-rigward tad-deċiżjoni kontenzjuża, uħud jistgħu jinvokaw il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fiż-żamma tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, peress li kienet teżisti, fil-fehma tiegħi, aspettattiva li jistħoqqilha protezzjoni fir-rigward ta' JY, li kienet obbligata li tirrinunzja għan-nazzjonalità ta' oriġini tagħha. Fuq ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi lil J. Rottmann, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Rottmann (C-135/08, EU:C:2009:588, punt 31).

mill-proposta tiegħi għat-tieni domanda preliminari, jiena nqis li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-awtoritajiet Awstrijaċi huma wkoll obbligati li jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull sitwazzjoni, billi japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità [45].

64. L-apolidija imposta mis-sistema Awstrijaka tal-kisba tan-nazzjonalità tikkonfronta liċ-ċittadin ta' Stat Membru li jixtieq jikseb in-nazzjonalità Awstrijaka, bħal JY, għat-*telf temporanju* tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, mogħti mill-Artikolu 20 TFUE. Madankollu, din tista' tikkonfronta lil dan tal-aħħar ukoll, sussegwentement, bit-*telf permanenti* ta' dan l-istatus, peress li, bħal f'dan il-każ, l-assigurazzjoni dwar in-naturalizzazzjoni tista' tiġi revokata mill-awtoritajiet Awstrijaċi minħabba t-twettiq ta' reat, u b'hekk iċċaħdu mid-*drittijiet kollha marbuta miegħu*.

65. Minn dan isegwi, kif sostniet il-Kummissjoni, li r-revoka tal-assigurazzjoni dwar in-naturalizzazzjoni, wara x-xoljiment tar-relazzjoni Statali mal-Istat Membru tal-oriġini, flimkien maċ-ċaħda tat-talba għal naturalizzazzjoni, hija paragunabbli, fid-dawl tal-konsegwenzi tagħha, ma' deċiżjoni ta' rtirar tan-naturalizzazzjoni. F'dan il-każ, din ir-revoka għandha bħala konsegwenza t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni.

66. Konsegwentement, jiena tal-fehma li s-sitwazzjoni ta' persuna li, wara li rrinunzjat għan-nazzjonalità ta' oriġini tagħha sabiex tissodisfa kundizzjoni għall-għoti tan-nazzjonalità imposta mill-liġi tal-Istat Membru ospitanti, hija kkonfrontata b'deċiżjoni ta' revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità adottata mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat, li tpoġġiha b'hekk f'sitwazzjoni ta' telf permanenti tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta miegħu, taqa', minħabba n-natura u l-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni.

67. Fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni hija sostnuta, mhux biss mis-sentenza Tjebbes *et* [46], iżda wkoll mill-ġurisprudenza li rriżultat mis-sentenzi Ruiz Zambrano [47] u Lounes [48].

b) Il-ġurisprudenza li rriżultat mis-sentenza Ruiz Zambrano: iċ-ċaħda tat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni

68. L-applikabbiltà tal-Artikolu 20 TFUE għas-sitwazzjoni taċ-ċittadini ta' Stat Membru li ma għamlux użu mid-dritt ta' moviment liberu tagħhom li, minħabba deċiżjoni ta' dan l-Istat Membru, jiġu mċaħħda mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ġiet irrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja wara s-sentenza Ruiz Zambrano [49].

69. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'din is-sentenza, li s-sitwazzjoni inkwistjoni kienet taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni, ma narax kif jista' jitqies li sitwazzjoni bħal dik ta' JY, li fiha d-deċiżjoni kontenzjuża kkonfrontat lil ċittadina ta' Stat Membru bit-telf permanenti tal-istatus tagħha ta'

45 Ara l-punti 102 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 Punt 32. Kif diġà indikajt fil-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għat-"telf tal-istatus mogħti mill-Artikolu 20 TFUE kif ukoll tad-drittijiet marbuta miegħu".

47 Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124). Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675, punt 80), u tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju) (C-82/16, EU:C:2018:308, punt 49).

48 Sentenza tal-14 ta' Novembru 2017 (C-165/16, EU:C:2017:862).

49 Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, (C-34/09, EU:C:2011:124, punt 42). F'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni ta' ulied G. Ruiz Zambrano, "li għandhom l-effett li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni" u dik ta' J. Rottmann, "li tista' […] twassal sabiex jitlef l-istatus mogħti mill-Artikolu 20 TFUE u d-drittijiet marbuta miegħu" (sentenza Rottmann, punt 42) huma paragunabbli fis-sens li, f'dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni kien ġie mċaħħad mill-effett utli tiegħu. Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75, punti 114 u 115).

ċittadina tal-Unjoni u, għaldaqstant, mhux għat-telf tat-tgawdija tal-*essenzjal tad-drittijiet* mogħtija mill-Artikolu 20 *TFUE* iżda għat-telf tat-*totalità ta' dawn id-drittijiet*, ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni, filwaqt li, kuntrarjament għal ulied G. Ruiz Zambrano, JY eżerċitat id-dritt ta' moviment liberu tagħha billi rresjediet legalment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

70. Fid-dawl ta' din l-aħħar ċirkustanza, ser nanalizza fil-qosor is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-loġika tal-integrazzjoni progressiva stabbilita fis-sentenza Lounes [50].

c) Is-sentenza Lounes: il-loġika tal-integrazzjoni progressiva

71. Qabel kollox nirrileva li, bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja matul is-seduta, JY ikkonfermat li hija ilha tirrisjedi fl-Awstrija mill-1993 [51]. Konsegwentement, huwa stabbilit li, wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Estonja mal-Unjoni fl-2004, hija, bħala ċittadina Estonjana, kienet tirrisjedi u taħdem fl-Awstrija fil-kwalità tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni.

72. Għalhekk, minbarra l-fatt li huwa stabbilit li JY hija benefiċjarja tad-drittijiet mogħtija lil ċittadin tal-Unjoni mill-Artikolu 20 TFUE, JY hija wkoll benefiċjarja tad-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 21(1) TFUE, li jgħid li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet previsti mit-Trattati u mid-dispożizzjonijiet meħuda għall-applikazzjoni tagħhom.

73. F'dan ir-rigward, skont il-Qorti tal-Ġustizzja "id-drittijiet mogħtija lil ċittadin tal-Unjoni permezz tal-Artikolu 21(1) TFUE, inklużi d-drittijiet idderivati li jgawdu minnhom il-membri tal-familja tiegħu, huma intiżi, b'mod partikolari, li jiffavorixxu l-integrazzjoni progressiva taċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti" [52]. Issa, ċittadina tal-Unjoni bħal JY li, wara li marret, fl-eżerċizzju tal-moviment liberu tagħha, u rresjediet għal diversi snin fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, f'dan il-każ, l-Awstrija, skont u bl-osservanza tal-Artikolu 7(1) jew tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38/KE [53], tixtieq tikseb in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru għandha t-tendenza li tintegra ruħha b'mod permanenti fis-soċjetà ta' dan tal-aħħar.

[50] Sentenza tal-14 ta' Novembru 2017 (C-165/16, EU:C:2017:862). Bħala tfakkira, il-kawża li tat lok għal din is-sentenza kienet tikkonċerna lil ċittadina Spanjola li, wara li rrisjediet fir-Renju Unit mill-1996, kienet kisbet iċ-ċittadinanza tar-Renju Unit permezz ta' naturalizzazzjoni matul l-2009, filwaqt li żammet in-nazzjonalità Spanjola tagħha. Fl-2014, hija żżewwġet lil ċittadin ta' pajjiż terz. L-applikazzjoni għal permess ta' residenza bħala konjuġi ta' ċittadina tal-Unjoni ppreżentata minn dan tal-aħħar ġiet miċħuda mill-awtoritajiet tar-Renju Unit għar-raġuni li huwa kien qabeż il-perijodu ta' residenza awtorizzat f'dan l-Istat Membru, bi ksur tal-liġi fil-qasam tal-immigrazzjoni.

[51] Matul is-seduta, il-Gvern Awstrijak indika li, qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Estonja mal-Unjoni Ewropea, JY kellha ċertifikat ta' stabbiliment għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

[52] Sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punt 56).

[53] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li thassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46). Fir-rigward tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma nistax neskludi li JY kisbet dritt ta' residenza permanenti f'dan l-Istat Membru, konformement mal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38. F'dan ir-rigward, nirrileva li huwa suffiċjenti li l-kundizzjonijiet li jippermettu li wieħed jibbenefika mid-dritt ta' residenza permanenti, konformement mad-dritt tal-Unjoni, jiġu sodisfatti mill-persuna kkonċernata sabiex dan id-dritt jiġi aċċettat mill-Istati Membri. Għandu jiġi enfasizzat li, konformement mal-punt 2 tal-Artikolu 11a(4) tas-StbG, jekk il-persuna kkonċernata hija ċittadina ta' Stat parti għaż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE), in-nazzjonalità Awstrijaka tista' tingħatalha jekk hija ilha tirrisjedi legalment u mingħajr interruzzjoni fit-territorju federali għal tal-inqas sitt snin.

74. Għalhekk, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "jekk jitqies li tali ċittadin, li jkun ingħata drittijiet bis-saħħa tal-Artikolu 21(1) TFUE minħabba l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment liberu tiegħu, ikollu jirrinunzja għall-benefiċċju ta' dawn id-drittijiet […], għaliex ikun ipprova, permezz tan-naturalizzazzjoni f'dan l-Istat Membru, jintegra ruħu iktar fis-soċjetà ta' dan l-Istat Membru, dan ikun imur kontra l-loġika ta' integrazzjoni progressiva ffavorizzata minn din id-dispożizzjoni" [54].

75. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jiena tal-fehma, kif indikajt diġà, li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa', min-natura u mill-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni.

3. Fuq id-deċiżjoni tar-Repubblika tal-Estonja li biha ġiet xolta r-relazzjoni statali ma' JY

76. Għalkemm mill-analiżi tiegħi relatata mal-ewwel domanda preliminari jirriżulta li t-telf tal-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni ta' JY jirriżulta mill-proċedura ta' naturalizzazzjoni Awstrijaka, ikkunsidrata b'mod sħiħ [55], madankollu jidhirli rilevanti, f'dan l-istadju, li nispjega fil-qosor ir-raġunijiet għalfejn inqis, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Franċiż li, *fil-kuntest tar-rinviju preliminari fil-kawża preżenti*, id-deċiżjoni li għandha tiġi eżaminata fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni ma hijiex id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Estonjani iżda d-deċiżjoni kontenzjuża.

77. Il-Gvern Franċiż isostni, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li t-telf tal-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni ta' JY jirriżulta biss mid-deċiżjoni tal-awtoritajiet Estonjani li, mingħajr ma stennew li JY kienet effettivament kisbet in-nazzjonalità Awstrijaka, aċċettaw it-talba tagħha tar-rinunzja tan-nazzjonalità Estonjana. Fil-fehma tiegħu, l-aċċettazzjoni ta' talba ta' rinunzja tan-nazzjonalità ta' Stat Membru minn ċittadin tal-Unjoni għandha tkun suġġetta għall-kisba effettiva tan-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz sabiex jiġi evitat li dan tal-aħħar jitpoġġa, anki jekk temporanjament, f'sitwazzjoni ta' apolidija [56].

78. Il-Gvern Estonjan, sostnut fuq dan il-punt mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u mill-Kummissjoni, enfasizza matul is-seduta li r-Repubblika tal-Estonja ma kinitx f'pożizzjoni li tirrifjuta x-xoljiment tar-relazzjoni statali ma' JY. Fil-fatt, ladarba ċittadin Estonjan jitlob li jirrinunzja n-nazzjonalità tiegħu u jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-leġiżlazzjoni Estonjana, billi jippreżenta l-provi meħtieġa, b'mod partikolari l-assigurazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità maħruġa mill-Istat Membru kkonċernat li tiċċertifika li dan iċ-ċittadin ser jikseb in-nazzjonalità ta' dan l-Istat, huwa impossibbli għalih li jirrifjuta talba bħal din.

79. Jiena sensittiv għal dan l-argument.

80. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fis-sentenza Rottmann [57], li "li l-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza preżenti f'dak li jirrigwarda l-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam taċ-ċittadinanza kif ukoll l-obbligu li jeżerċitaw din il-kompetenza b'osservanza tad-dritt

[54] Sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punt 58). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Lounes (C-165/16, EU:C:2017:407, punt 86).

[55] Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[56] Dan il-Gvern indika li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 23-9 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż jipprevedi li t-telf tan-nazzjonalità Franċiża iseħħ fid-data tal-kisba tan-nazzjonalità barranija, liema ħaġa tevita s-sitwazzjoni ta' apolidija. Fir-rigward tal-Gvern tal-Estonja, dan jikkonferma, meta wieġeb għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-leġiżlazzjoni Estonjana ma teħtieġx il-kisba minn qabel tan-nazzjonalità l-ġdida sabiex tawtorizza x-xoljiment tar-rabta statali maċ-ċittadin Estonjan u li ma huwiex possibbli li wieħed jirrinunzja n-nazzjonalità Estonjana b'mod temporanju jew kundizzjonali.

[57] Punt 62.

tal-Unjoni japplikaw kemm għall-Istat Membru ta' naturalizzazzjoni kif u kemm għall-Istat Membru taċ-ċittadinanza oriġinali", filwaqt li speċifikat li dan kien jirrigwarda "il-kuntest tar-rinviju preliminari preżenti".

81. Ċertament, miżura bħal dik prevista mill-Kodiċi Ċivili Franċiż tippermetti li jiġi żgurat li l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni jinżamm u għalhekk tikkostitwixxi waħda mill-mezzi li bihom l-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu jiżguraw li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, il-persuna kkonċernata ma titlifx dan l-istatus.

82. Madankollu, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-kawża preżenti, il-Gvern Estonjan ma jistax jiġi kkritikat talli aċċetta t-talba ta' rinunzja ta' JY għan-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru sa fejn din ir-rinunzja hija kundizzjoni *sine qua non*, imposta mill-proċedura tal-kisba tan-nazzjonalità Awstrijaka fil-kuntest tal-assigurazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Awstrijaċi. Kif indikajt diġà [58], din l-assigurazzjoni ma ħolqitx biss aspettattivi leġittimi fir-rigward ta' JY, iżda wkoll aspettattivi fir-rigward tal-awtoritajiet Estonjani li jistħoqqilhom protezzjoni permezz tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. F'dan ir-rigward, skont l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Estonjan matul is-seduta, l-Artikolu 26 tal-liġi Estonjana dwar in-nazzjonalità tipprevedi li dan il-Gvern għandu l-fakultà li ma jirtirax in-nazzjonalità ta' parti kkonċernata jekk dan l-irtirar ikollu bħala konsegwenza sitwazzjoni ta' apolidija [59]. Peress li l-awtoritajiet Awstrijaċi pprovdew assigurazzjoni ta' naturalizzazzjoni, il-Gvern Estonjan jindika li kien impossibbli għalih li jipprevedi li dawn kienu ser jirrevokawha [60]. Għalhekk, ir-Repubblika tal-Estonja bbażat ruħha fuq l-assigurazzjoni tal-għoti tan-nazzjonalità, billi qieset li seta' kellha aspettattiva leġittima fil-fatt li l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu ser jissodisfaw l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità. Fi kwalunkwe każ, dan l-Istat Membru jenfasizza li, kieku ma awtorizzax ix-xoljiment tar-relazzjoni ta' nazzjonalità, JY ma kinitx tkun f'pożizzjoni li titlob l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka.

83. Għalhekk, jiena tal-fehma li, fil-kuntest tal-kawża preżenti, id-dritt Estonjan, kif applikat f'dan il-każ, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni.

84. Barra minn hekk, huwa inkontestabbli li hija d-deċiżjoni kontenzjuża li hija fl-oriġini tat-telf permanenti tal-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni ta' JY u għalhekk huma l-awtoritajiet Awstrijaċi li huma obbligati li jiżguraw li ċittadina bħal JY ma tkunx imċaħħda mill-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni, mogħtija mill-Artikolu 20 TFUE, u jċaħħadha mid-*drittijiet kollha marbuta miegħu*, kuntrarjament għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

85. Għalhekk ser nanalizza t-tieni domanda preliminari billi nqis li hija d-deċiżjoni kontenzjuża li għandha tosserva d-dritt tal-Unjoni u, konsegwentement, il-prinċipju ta' proporzjonalità.

[58] Ara l-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[59] F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-Repubblika tal-Estonja ma hijiex parti kontraenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-nazzjonalità u għalhekk ma hijiex suġġetta għall-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8 ta'din tal-aħħar.

[60] Għalhekk, Stat Membru li jinsab fl-istess sitwazzjoni bħar-Repubblika tal-Estonja jista' jiġi kkritikat talli awtorizza x-xoljiment meta kienet prevedibbli s-sitwazzjoni ta' apolidija, li f'dan il-każ, tal-inqas mill-perspettiva tal-Gvern Estonjan, ma kienx il-każ. Fil-fatt, ir-rinunzja ta' JY għan-nazzjonalità ta' oriġini tagħha kienet ifformulata sabiex tkun tista' tikseb in-nazzjonalità Awstrijaka u tirkupra l-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni. Il-Gvern Estonjan, barra minn hekk, sostna wkoll li wettaq evalwazzjoni tal-proporzjonalità għal kull deċiżjoni fil-qasam ta' nazzjonalità u, b'mod partikolari, tal-konsegwenzi individwali għall-parti kkonċernata.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari: il-konformità tad-deċiżjoni kontenzjuża mal-prinċipju ta' proporzjonalità

86. Huwa evidenti li, sa fejn il-prinċipju ta' proporzjonalità jinsab fil-qalba tad-dritt tal-Unjoni, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, kif qed nissuġġerixxi, ir-risposta għat-tieni domanda jkollha għalhekk tkun fl-affermattiv ukoll. Fid-dawl ta' din l-evidenza, inqis li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss jekk hija għandhiex tivverifika jekk id-deċiżjoni kontenzjuża hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità, iżda wkoll jekk hija għandhiex tivverifika n-natura proporzjonata jew le ta' din id-deċiżjoni.

87. Għalhekk, it-tieni domanda magħmula għandha tiġi fformulata mill-ġdid fis-sens li tfittex, essenzjalment, li jiġi aċċertat jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi, skont il-każ, il-qrati nazzjonali, humiex obbligati li jivverifikaw il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni relatata mar-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità ta' Stat Membru – u maċ-ċaħda tat-talba għall-kisba ta' din in-nazzjonalità – mal-prinċipju ta' proporzjonalità, fid-dawl tal-konsegwenzi tagħha fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri t-telf permanenti tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, u, għaldaqstant, il-konformità ta' din id-deċiżjoni mal-prinċipju msemmi.

88. Sabiex inwieġeb għal din il-mistoqsija, ser neżamina, fl-ewwel lok, in-natura tal-interess ġenerali tal-għan imfittex mill-Artikolu 20(1) u (2) u mill-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG, li fuqhom kienu bbażati l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità kif ukoll id-deċiżjoni ta' revoka ta' din l-assigurazzjoni, qabel ma neżamina, fit-tieni lok, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-konsegwenzi li d-deċiżjoni kontenzjuża għandha fuq is-sitwazzjoni ta' JY kif ukoll fuq in-natura sproporzjonata ta' deċiżjoni bħad-deċiżjoni kontenzjuża.

1. Fuq il-motiv ta' interess ġenerali mfittex mill-leġiżlazzjoni li fuqu kienet ibbażata d-deċiżjoni kontenzjuża

89. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dritt Awstrijak dwar in-nazzjonalità huwa intiż sabiex jevita nazzjonalitajiet multipli, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punt 1 tal-Artikolu 10(3) tas-StbG. Il-qorti tar-rinviju tindika li l-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(1) ta' din il-liġi tistabbilixxi dritt għall-għoti tan-nazzjonalità bil-kundizzjoni biss tal-prova tax-xoljiment tar-relazzjoni Statali barranija. Din tispeċifika li l-Artikolu 20(2) tal-liġi msemmija madankollu jipprevedi r-revoka ta' din l-assigurazzjoni meta l-persuna kkonċernata ma tissodisfax iktar wħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan l-għoti, bħal dik prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tal-istess liġi.

90. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Awstrijak jispjega li, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, huwa biss jekk l-applikant għan-nazzjonalità jipprova, fil-perijodu previst għal dan il-għan, ix-xoljiment tar-rabta mal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu u jkompli jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti l-oħra li tingħatalu n-nazzjonalità Awstrijaka.

91. Għandi nfakkar, qabel kollox, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huwa leġittimu għal Stat Membru li jkun jixtieq jipproteġi r-relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà bejnu u ċ-ċittadini tiegħu kif ukoll ir-reċiproċità tad-drittijiet u tad-dmirijiet, li huma l-bażi tar-rabta

tan-nazzjonalità [61]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 20(1) u (2) u l-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG li stabbilixxew l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità kif ukoll id-deċiżjoni ta' revoka ta' din l-assigurazzjoni, jifformaw parti mill-eżerċizzju tal-kompetenza tar-Repubblika tal-Awstrija relatata mad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-kisba jew tat-telf tan-nazzjonalità Awstrijaka.

92. Huwa leġittimu għal Stat Membru li jiżgura dritt għall-għoti ta' nazzjonalità li, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, bħall-Artikolu 20(1) tas-StbG, huwa kundizzjonali għall-prova waħdanija tax-xoljiment tar-relazzjoni Statali ma' Stat Membru ieħor jew ma' Stat terz [62]. Dan huwa kkorroborat, b'mod partikolari, mill-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar it-tnaqqis tan-nazzjonalitajiet multipli [63] u mill-formulazzjoni tal-Artikolu 7(2) tal-Konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-apolidija [64].

93. Fir-rigward tar-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità, ibbażata fuq l-Artikolu 20(2) u fuq il-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG, jiena tal-fehma li, fil-prinċipju, din tfittex għan leġittimu.

94. Madankollu, nixtieq nenfasizza li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza fil-qasam tal-kisba u tat-telf tan-nazzjonalità, l-Istati Membri għandhom josservaw l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza eżaminata fil-kuntest tal-analiżi tiegħi tal-ewwel domanda preliminari. Barra minn hekk, din il-kompetenza għandha tiġi eżerċitata mhux biss fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll tad-dritt internazzjonali.

95. F'dan ir-rigward, dwar l-Artikolu 7(2) tal-Konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-apolidija [65], nosserva li mill-konklużjonijiet tal-laqgħa ta' esperti dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-apolidija, ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (iktar 'il quddiem l-"UNHCR"), relatati mal-Artikolu 7(2) ta' din il-konvenzjoni jirriżulta li "huwa aċċettabbli biss li jiġi permess it-telf tan-nazzjonalità *jekk l-assigurazzjoni hija inkundizzjonata*" [66]. Fil-fatt, konformement ma' dawn il-konklużjonijiet "jeżisti obbligu impliċitu skont il-Konvenzjoni tal-1961 li jgħid li, *ladarba jinħarġu, l-assigurazzjonijiet ma jistgħux jiġu rtirati għar-raġuni li l-kundizzjonijiet tan-naturalizzazzjoni ma humiex sodisfatti*, liema ħaġa twassal biex il-persuna ssir mingħajr stat" [67]. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tal-istess konvenzjoni jipprojbixxi lill-Istati kontraenti milli jċaħħdu lil individwu min-nazzjonalità tiegħu "jekk din iċ-ċaħda tagħmlu persuna mingħajr stat". Konsegwentement, għandi dubji fir-rigward tal-leġittimità, fir-rigward tad-dritt internazzjonali, ta' leġiżlazzjoni, bħall-Artikolu 20(2) tas-StbG, li jippermetti r-revoka ta' din l-assigurazzjoni meta l-persuna kkonċernata ma tibqax tissodisfa anki waħda mill-kundizzjonijiet rikjesti għall-għoti tan-nazzjonalità, kif prevista mill-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tal-liġi msemmija, li għalhekk tikkonfrontah b'sitwazzjoni ta' apolidija [68].

[61] Sentenzi Rottmann, punt 51, u Tjebbes *et*, punt 33).

[62] Il-Konvenzjoni dwar in-nazzjonalità tipprevedi, fl-Artikolu 4 tagħha, li "ir-regoli dwar in-nazzjonalità ta' kull Stat Parti għandhom ikunu bbażati fuq prinċipju li bihom, b'mod partikolari, kull individwu għandu dritt għal nazzjonalità u l-apolidija għandha tkun evitata".

[63] Ara l-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[64] Ara l-punt 3 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara, ukoll, l-Artikolu 8(3)(a)(ii) ta' din il-konvenzjoni.

[65] Ara l-punt 3 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara, ukoll, l-Artikolu 8(3)(a)(ii) tal-Konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-apolidija.

[66] Expert Meeting. Interpreting the 1961 Statelessness Convention and Avoiding Statelessness resulting from Loss and Deprivation of Nationality. Summary Conclusions, UNHCR, Tunis, it-Tuneżija, 31 ta' Ottubru – 1 ta' Novembru 2013, p. 1 sa 15, b'mod partikolari, p. 10, paragrafu 44. Dawn il-konklużjonijiet huma disponibbli fl-indirizz li ġej: https://www.refworld.org/pdfid/533a754b4.pdf. Korsiv miżjud minni.

[67] *Ibid*., p. 10, paragrafu 45.

[68] Ara l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità. Ara wkoll l-Artikolu 15(2) tad-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, adottata fl-10 ta' Diċembru 1948 mill-Assemblea Ġeneral tan-Nazzjonijiet Uniti, li jipprevedi li "[ħ]add ma jista' jiġi mċaħħad arbitrarjament min-nazzjonalità tiegħu, lanqas mid-dritt li jibdel in-nazzjonalità".

96. Fid-dawl ta' dan, nosserva wkoll li l-konklużjonijiet u l-prinċipji gwida dwar il-Konvenzjoni dwar it-tnaqqis tal-apolidija, ippubblikati mill-UNHCR, jaqgħu taħt id-dritt mhux vinkolanti ("*soft law*"), b'mod li għandhom ċerta awtorità, iżda ma humiex vinkolanti. Fi kwalunkwe każ, huwa ċert li dawn il-konklużjonijiet jinkludu indikazzjonijiet utli għall-Istati Membri. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dawn l-elementi f'dan il-każ.

97. Issa ser ngħaddi għall-eżami tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi tad-deċiżjoni kontenzjuża fuq is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

2. Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-konsegwenzi tad-deċiżjoni kontenzjuża fuq is-sitwazzjoni ta' JY

98. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li ma sarx stħarriġ tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni.

99. F'dan ir-rigward, għandi nirrileva li huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk, *meta tagħmel it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet li jirriżultaw minnu permanenti*, id-deċiżjoni relattiva għar-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità u għar-rifjut tat-talba għall-kisba ta' din in-nazzjonalità tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-konsegwenzi li għandha fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata u, skont il-każ, tal-membri tal-familja tagħha, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni [69]. Għalhekk, sabiex tali deċiżjoni tkun kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-regoli nazzjonali rilevanti għandhom jippermettu eżami individwali tal-konsegwenzi li għandha r-revoka tal-assigurazzjoni fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni [70].

100. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-fatt waħdu li JY irrinunzjat għall-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni u xoljiet b'inizjattiva tagħha stess ir-relazzjoni Statali mar-Repubblika tal-Estonja, jistax ikun deċiżiv fil-kuntest tal-istħarriġ tal-proporzjonalità.

101. Kif spjegajt [71], kemm is-sitwazzjoni ta' apolidija kif ukoll it-telf tal-istatus ta' ċittadina tal-Unjoni ta' JY irriżultaw mill-proċedura ta' naturalizzazzjoni Awstrijaka, fl-intier tagħha. Għalhekk, inqis li s-sitwazzjoni ta' ċittadina ta' Stat Membru, bħal JY, li rrinunzjat għan-nazzjonalità ta' oriġini tagħha bil-għan waħdieni li tissodisfa l-kundizzjoni tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka imposta mill-leġiżlazzjoni nazzjonali [72] u, għaldaqstant, bil-perspettiva waħdanija li tirkupra ċ-ċittadinanza tal-Unjoni, ma għandha l-*ebda rilevanza* fid-determinazzjoni ta' jekk ir-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità tirrispettax il-prinċipju ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, tali rinunzja ma tistax titqies bħala kriterju rilevanti fil-kuntest tal-verifika taċ-ċirkustanzi relatati mas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata.

69 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tjebbes *et*, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata.

70 Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan jgħodd ukoll fil-każ tat-telf tan-nazzjonalità, anki jekk din inkisbet b'mod frawdolenti. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rottmann, punt 59.

71 Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72 Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li din il-kundizzjoni tapplika għall-applikanti kollha għan-nazzjonalità Awstrijaka.

a) Fuq iċ-ċirkustanzi relatati mas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata

102. Infakkar li mill-ġurisprudenza li rriżultat mis-sentenza Rottmann [73] jirriżulta li ċ-ċirkustanzi relatati mas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata u, skont il-każ, tal-membri tal-familja tiegħu, li jistgħu jkunu rilevanti għall-finijiet tal-verifiki li għandhom iwettqu l-awtoritajiet kompetenti u l-qrati nazzjonali, huma, b'mod partikolari, il-gravità tar-reat imwettaq mill-persuna kkonċernata, iż-żmien li għadda bejn id-data tad-deċiżjoni tal-assigurazzjoni u dik tar-revoka tagħha u l-possibbiltà għal din il-persuna li tirkupra n-nazzjonalità tagħha [74].

1) In-natura tar-reati

103. Għandi dubji dwar jekk id-deċiżjoni kontenzjuża hijiex iġġustifikata fir-rigward tar-reati mwettqa minn JY.

104. JY ġiet akkużata, minn naħa, li wara li ġiet assigurata li ser tingħatalha n-nazzjonalità Awstrijaka, wettqet żewġ reati amministrattivi serji, relatati, l-ewwel wieħed, man-nuqqas ta' twaħħil mal-vettura tagħha tal-istiker tal-kontroll tekniku tal-vettura u, it-tieni wieħed, mas-sewqan ta' vettura bil-mutur waqt li kienet taħt l-influwenza tal-alkoħol, u, min-naħa l-oħra, li kienet responsabbli għal tmien reati amministrattivi mwettqa bejn l-2007 u l-2013, qabel ma ngħatatilha din l-assigurazzjoni.

105. Fir-rigward tat-tmien reati amministrattivi, naqbel mal-fehma ta' JY u tal-Kummissjoni li tgħid li dawn ir-reati kienu magħrufa fid-data li fiha ngħatat din l-assigurazzjoni u ma kinux ta' ostakolu għall-għoti ta' din l-assigurazzjoni. Għalhekk, dawn ir-reati ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-gravità tar-reati mwettqa minn JY.

106. Fir-rigward taż-żewġ reati amministrattivi serji, il-qorti tar-rinviju tispjega li, skont il-ġurisprudenza nazzjonali, l-ewwel reat iqiegħed f'perikolu l-protezzjoni tas-sigurtà tat-traffiku pubbliku u, it-tieni wieħed, iqiegħed fil-perikolu b'mod partikolari s-sigurtà tal-utenti tat-toroq. Din tal-aħħar tista', waħedha, tkun deċiżiva fir-rigward tal-fatt li jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet għall-għoti tan-nazzjonalità, previsti fil-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG, ma humiex sodisfatti.

107. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Awstrijak isostni li d-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 20(2) u tal-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG jiżguraw li l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka ma tistax tiġi rrevokata ħlief għal raġuni serja ta' interess ġenerali, marbuta mal-fatt li l-persuna kkonċernata ma tippreżentax (jew ma tippreżentax iktar) il-garanzija, fir-rigward tal-imġieba preċedenti tagħha, li ma tikkostitwixxix riskju għall-paċi, għall-ordni u għas-sigurtà pubblika, u lanqas theddida għal interessi pubbliċi oħra msemmija fl-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

108. Ovvjament naqbel man-natura punibbli ta' tali mġieba. Iżda huwa possibbli li deċiżjoni relatata mar-revoka tal-assigurazzjoni dwar in-nazzjonalità, li jagħmel it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni tal-persuna kkonċernata permanenti, tiġi bbażata fuq reati amministrattivi marbuta mas-sigurtà tat-toroq?

[73] Punt 56.

[74] Fir-rigward ta' dawn iċ-ċirkustanzi, nirrileva li din il-ġurisprudenza ma tistabbilixxix *numerus clausus*.

109. Ma naħsibx.

110. Fl-ewwel lok, fl-osservazzjonijiet tagħha JY tindika li la l-ewwel [75] u l-anqas it-tieni reat serju [76] ma kienu ta' natura li jwasslu għall-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan tagħha. F'dan ir-rigward, għandi nirrileva li mit-tweġiba tal-Gvern Awstrijak għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja matul is-seduta jirriżulta li d-dritt Awstrijak ma jipprevedix is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan fil-każ ta' sewqan b'livell ta' alkoħol fid-demm bħal dak ta' JY.

111. Fit-tieni lok, kif spjegajt fil-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet, is-sitwazzjoni li fiha, bħal f'dan il-każ, ċittadin ta' Stat Membru jkun ikkonfrontat bit-telf permanenti tal-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni u, għalhekk, bit-telf *tad-drittijiet kollha mogħtija mill-Artikolu 20 TFUE* hija paragunabbli ma dik li fiha persuna kkonċernata tkun ikkonfrontata *bit-telf tat-tgawdija tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija minn dan l-artikolu* fis-sens li, f'dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni kien imċaħħad mill-effett utli tiegħu [77].

112. Konsegwentement, jiena tal-fehma li, f'dan il-każ, għandha tiġi applikata [78] l-ġurisprudenza li tgħid li, fir-rigward tal-possibbiltà tal-introduzzjoni tal-limitazzjonijiet għal dritt ta' residenza skont l-Artikolu 20 TFUE, din id-dispożizzjoni ma taffettwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jinvokaw eċċezzjoni marbuta, b'mod partikolari, maż-żamma tal-ordni pubbliku u mal-protezzjoni tas-sigurtà pubblika [79]. F'dan ir-rigward, kif sostniet ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċetti ta' "ordni pubbliku" u ta' "sigurtà pubblika", bħala ġustifikazzjoni għal deroga mid-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja tagħhom, għandhom jinftiehmu b'mod strett, b'tali mod li l-portata tagħhom ma tistax tiġi ddeterminata unilateralment mill-Istati Membri mingħajr kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni [80]. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk iddeċidiet li l-kunċett ta' "ordni pubbliku" jippreżupponi, fi kwalunkwe każ, l-eżistenza, minbarra ta' tfixkil għall-ordni soċjali li jikkostitwixxi kull ksur tal-liġi, theddida ġenwina, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà. Fir-rigward tal-kunċett ta' "sigurtà pubblika", minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li dan ikopri s-sigurtà interna ta' Stat Membru u s-sigurtà esterna tiegħu u li, għaldaqstant, il-preġudizzju għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi pubbliċi essenzjali kif ukoll is-sopravivenza tal-popolazzjoni, kif ukoll ir-riskju ta' tfixkil serju fir-relazzjonijiet esterni jew fil-koeżistenza paċifika tal-popli, jew ukoll il-preġudizzju għall-interessi militari, jistgħu jaffettwaw is-sigurtà pubblika [81].

113. Għalhekk, inqis li, fid-dawl tar-reati amministrattivi mwettqa minn JY, ir-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità ma hijiex ibbażata fuq l-eżistenza ta' theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika.

75 JY indikat li l-multa kienet tammonta għal EUR 112.

76 JY indikat li l-multa kienet tammonta għal EUR 300.

77 Ara, wkoll, in-nota ta' qiegħ il-paġna 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

78 Niġbed l-attenzjoni għall-fatt li, f'din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tirreferix direttament għall-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38.

79 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675, punt 81).

80 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675, punt 82). Ara, ukoll, is-sentenzi tal-4 ta' Diċembru 1974, van Duyn (41/74, EU:C:1974:133, punt 18); tas-26 ta' Frar 1975, Bonsignore (67/74, EU:C:1975:34, punt 6); tat-28 ta' Ottubru 1975, Rutili (36/75, EU:C:1975:137, punt 27); tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punt 33); tad-19 ta' Jannar 1999, Calfa (C-348/96, EU:C:1999:6, punt 23), u tad-29 ta' April 2004, Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 et C-493/01, EU:C:2004:262, punti 64 u 65).

81 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675, punt 83).

2) Iż-żmien li għadda bejn id-data li fiha ngħatat l-assigurazzjoni u dik tar-revoka tagħha

114. Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u mill-qrati nazzjonali taż-żmien li għadda bejn id-data li fiha ingħatat l-assigurazzjoni u dik tar-revoka tagħha, infakkar li d-deċiżjoni relatata max-xoljiment tar-relazzjoni Statali bejn JY u r-Repubblika tal-Estonja ġiet adottata fis-27 ta' Awwissu 2015 u dik relatata mar-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità Awstrijaka ġiet adottata fis-6 ta' Lulju 2017.

115. Id-dewmien bejn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet jidhirli eċċessiv fid-dawl, b'mod partikolari, tal-konsegwenzi għall-parti kkonċernata li, matul kważi sentejn wara r-rinunzja tan-nazzjonalità ta' oriġini tagħha, sabet ruħha f'sitwazzjoni ta' apolidija u, għalhekk, imċaħħda mid-drittijiet kollha marbuta mal-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni, inkluż id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera tagħha.

3) Il-limitazzjonijiet fl-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Unjoni kollha

116. Fir-rigward tal-limitazzjonijiet tal-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment u residenza fit-territorju tal-Unjoni kollha, l-awtoritajiet kompetenti u l-qrati nazzjonali għandhom ukoll jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li, wara r-revoka tal-assigurazzjoni dwar in-nazzjonalità, il-persuna kkonċernata, bħal ma huwa l-każ ta' JY, ma tkunx iktar f'pożizzjoni li tirkupra l-istatus tagħha ta' ċittadin tal-Unjoni u li t-telf ta' dan l-istatut għalhekk isir permanenti.

117. Bħal f'dan il-każ, din il-persuna tkun ikkonfrontata, b'mod partikolari, bit-telf tad-dritt ta' moviment u ta' residenza libera tagħha fit-territorju tal-Istati Membri u, skont il-każ, b'diffikultajiet sabiex tmur fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari l-Estonja, sabiex iżżomm rabtiet effettivi u regolari mal-membri tal-familja tagħha hemmhekk, li teżerċita l-attività professjonali tagħha hemmhekk jew sabiex tieħu l-passi neċessarji sabiex teżerċita tali attività fl-Awstrija jew fi Stati Membri oħra.

4) Il-possibbiltà għall-persuna kkonċernata li tirkupra n-nazzjonalità ta' oriġini tagħha

118. Fir-rigward tal-possibilità għall-persuna kkonċernata li tirkupra n-nazzjonalità ta' oriġini tagħha, mit-tweġiba tal-Gvern Estonjan għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja matul is-seduta jirriżulta li, fid-dritt Estonjan, dan huwa impossibbli wara x-xoljiment tar-relazzjoni Statali ma' dik il-persuna, sa fejn waħda mill-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex tinkiseb dik in-nazzjonalità hija li wieħed jirrisjedi għal tmien snin f'dan l-Istat Membru. B'hekk, sitwazzjoni bħal din ma tistax tiġi injorata mill-awtoritajiet Awstrijaċi.

5) L-iżvilupp normali tal-ħajja tal-familja u professjonali

119. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li huwa l-obbligu, b'mod partikolari, tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, jekk ikun il-każ, tal-qrati nazzjonali li jiżguraw li tali telf ta' nazzjonalità ta' Stat Membru jkun konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il-quddiem "il-Karta") li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tagħhom u, b'mod partikolari, *tad-dritt għar-rispett tal-ħajja*

tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta [82].

120. F'dan il-każ, mill-osservazzjonijiet ta' JY ippreżentati matul is-seduta jirriżulta li l-aġenzija tar-refuġjati u l-persuni apolidi eżaminat is-sitwazzjoni ta' JY u kkonkludiet, b'deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2020, li kienet tinsab fl-Awstrija b'mod illegali. Konsegwentement, JY kienet tibbenefika biss minn permess ta' residenza għal skopijiet umanitarji, abbażi tal-Artikolu 55(2) tal-liġi dwar l-ażil, u kienet obbligata li tikseb minn qabel, sabiex taċċedi għas-suq tax-xogħol, awtorizzazzjoni ta' xogħol mill-aġenzija tal-impjiegi.

121. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-awtoritajiet kompetenti u l-qrati nazzjonali għandhom ukoll jieħdu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità, tal-konsegwenzi sproporzjonati li ser tkun esposta għalihom il-persuna kkonċernata u *li jaffettwaw l-iżvilupp normali tal-ħajja tal-familja u professjonali tagħha*.

122. L-elementi deskritti fil-punti preċedenti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-qrati nazzjonali kompetenti matul l-evalwazzjoni tagħhom tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

b) Fuq il-koerenza u l-adegwatezza tar-regoli nazzjonali sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tas-sigurtà tat-toroq

123. Fir-rigward, qabel kollox, tal-koerenza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, ser nillimita ruħi li nagħmel il-mistoqsija segwenti: huwa koerenti, għall-ordinament ġuridiku nazzjonali, li reati marbuta mas-sigurtà fit-toroq ikunu jistgħu ma jitqisux bħala suffiċjentement serji sabiex iwasslu għall-irtirar ta' liċenzja tas-sewqan iżda jistgħu jwasslu għar-revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata u għat-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u tad-drittijiet kollha marbuta magħha?

124. Ma nistax nara liema raġunament jista' jippermetti li jiġi konkluż li ma teżistix problema ta' koerenza.

125. Fir-rigward, sussegwentement, tal-kapaċità ta' din il-leġiżlazzjoni li tippromwovi l-għanijiet imsemmija fil-punt 6 tal-Artikolu 10(1) tas-StbG, nirrileva nuqqas ċar ta' adegwatezza bejn il-gravità tar-reati previsti mill-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-konsegwenzi li dan jinvolvi fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata.

126. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwassluni sabiex nikkonkludi li deċiżjoni ta' revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità, bħad-deċiżjoni kontenzjuża, li tagħmel permanenti t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ta' persuna kkonċernata, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, minħabba reati amministrattivi marbuta mas-sigurtà fit-toroq, fuq kollox dawk li ma humiex ta' natura li jwasslu għall-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan, ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità tad-dritt tal-Unjoni.

127. Sabiex intemm l-analiżi tiegħi, jidhirli interessanti li niċċita lill-Avukat Ġenerali Mengozzi li kien qies, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Tjebbes *et* [83], li "f'każ estrem – u nispera kompletament ipotetiku - fejn il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprevedi r-revoka

[82] Sentenza Tjebbes *et*, p. 45 u l-ġurisprudenza ċċitata. Infakkar li, skont l-Artikolu 1 tal-Karta, intitolat, "Dinjità", "[i]d-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli. Hija għandha tkun rispettata u protetta".

[83] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2018:572, punt 88).

tan-naturalizzazzjoni ta' individwu, li għandu bħala effett it-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, minħabba kontravenzjoni tal-Kodiċi tat-Traffiku, in-natura sproporzjonata ta' din il-miżura tqum fir-rigward tal-assenza ta' ekwivalenza bejn il-livell baxx ta' gravità tal-ksur u l-konsegwenza drammatika tat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni".

V. Konklużjoni

128. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija):

1) Is-sitwazzjoni ta' persuna fiżika li, filwaqt li jkollha biss in-nazzjonalità ta' Stat Membru wieħed, tirrinunzja għal din in-nazzjonalità u, għalhekk, għall-istatus tagħha ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea sabiex tikseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor, konformement mad-deċiżjoni tal-awtoritajiet ta' dan tal-aħħar dwar l-assigurazzjoni li din in-nazzjonalità ser tingħatalha, iżda meta madankollu sussegwentement din id-deċiżjoni ġiet irrevokata u t-talba tagħha għall-għoti tan-nazzjonalità msemmija ġiet miċħuda, u b'hekk tipprevjeni lil din il-persuna milli tirkupra l-istatus tagħha ta' ċittadin tal-Unjoni, taqa', minħabba n-natura u l-konsegwenzi tagħha, taħt id-dritt tal-Unjoni.

2) L-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lil dan l-Istat Membru, għal raġunijiet ta' interess ġenerali, li jirrevoka l-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità tiegħu, minkejja li din id-deċiżjoni ta' revoka tagħmel it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni permanenti għall-persuna kkonċernata u twassal, għal din il-persuna, għall-impossibbiltà li tirkupra dan l-istatus u d-drittijiet marbuta miegħu, bil-kundizzjoni li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi, skont il-każ, il-qrati nazzjonali, jeżaminaw il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni mal-prinċipju ta' proporzjonalità fid-dawl tal-konsegwenzi tagħha fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni u, għalhekk, il-konformità ta' din id-deċiżjoni mal-prinċipju msemmi.

   Fil-kuntest ta' dan l-eżami, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika, b'mod partikolari, jekk tali deċiżjoni hijiex iġġustifikata fid-dawl tal-gravità tar-reati mwettqa minn din il-persuna, taż-żmien li għadda bejn id-data li fiha ngħatatilha l-assigurazzjoni u dik tar-revoka tagħha, tal-limitazzjonijiet fl-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment u ta' residenza tagħha, tal-possibbiltà li tirkupra n-nazzjonalità ta' oriġini tagħha, u jekk l-imsemmija persuna hijiex ser tkun esposta għal konsegwenzi sproporzjonati li jaffettwaw l-iżvilupp normali tal-ħajja tal-familja u professjonali tagħha, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni.

   Konsegwentement, deċiżjoni ta' revoka tal-assigurazzjoni dwar l-għoti tan-nazzjonalità, bħad-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2017, tal-Wiener Landesregierung (il-Gvern tal-Land ta' Vjenna, l-Awstrija), li tagħmel permanenti t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ta' persuna kkonċernata f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minħabba reati amministrattivi marbuta mas-sigurtà fit-toroq, fuq kollox dawk li ma humiex ta' natura li jwasslu għall-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan, ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità tad-dritt tal-Unjoni.